MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Numru. 181/2003

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Frederick Dalli

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat fuq imsemmi Frederick Dalli, detentur tal-karta tal-identita Nru 619882(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-16 ta' Frar, 2003 ghall-habta tas-1.00 ta' wara nofsinhar mill-fabbrika bl-isem "International Shoes Ltd", sitwata fil-qasam industrijali tal-Marsa, ikkommetta serq ta' kwantita ta' zraben u oggetti ohra ghad-dannu ta' Roland Cuschieri minn San Gwann u tad-dirigenti tal-istess kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozment bil-hsieb li jikkommetti serq ta' kwantita ta' zraben, basktijiet u oggetti ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-

esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10), izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM50);

Semghet lill-imputat iwiegeb illi kien hati;

Il-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi skond il-Ligi ta' din l-ammizzjoni u tatu zmien xieraq biex jikkonsidra riedx jirtira l-ammissjoni, madanakollu l-imputat insista li ried jammetti l-akkuzi u l-Qorti ordnat li tigi registrata l-ammissjoni.

Il-Qorti issib lill-imputat **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha, wara illi rat l-Artikoli 261 (b), (c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 41 u 325(c) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni u l-fatt illi r-refurtiva giet ritornata. Ghalhekk tara illi piena karcerarja mhux idonea ghall-akkadut u illi jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberah tobbligah li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat bi kliem car lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ghal din is-sentenza.

Il-Qorti a tenut ral-Artikolu 392A tal-Kap. 9, tordna illi l-atti, flimkien ma kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali kif provdut fl-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9.

---------------------------------TMIEM---------------------------------